CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 73

L-Erbgħa, 16 ta' Jannar 2019

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.08pm.

**73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

73.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

73.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tnejn u Sebgħin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

73.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**73.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

73.3.1 Is-Sindku infurma lill- Kunsill li d-deċizjoni li kien ħa il-Kunsill biex il-*financial accrual* li għandu l-Kunsill rigward il-kera ta' l-Uffiċċju tal-Kunsill jkun biss ta' dawn l-aħħar 5 snin skond kif tippermetti l-liġi gie konfermat mill-avukat tal-Kunsill. Din ser tirrefletti posittivament il-finanzi tal-Kunsill.

73.3.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li fir-rigward tal-gruppijiet barranin li ser jiġu għal Medieval Mdina ġew konkluzi ħlief għal l-isbandieratori, kif ukoll infurma lill-Kunsill li ir- Restoration Unit ikkonferma li għandha titħallas s-somma ta' € 6000 għal kiri tal-Ħnien tal-Foss.

73.3.3 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-Kunsill rċieva talba biex delegazzjoni minn Dongcheng, China tiġi zzur l-belt ta' l-Mdina b'rabta ma' l-MOU li għandha l-Mdina ma' din il-belt ġewwa Beijing. Il-Kunsill approva din il-mawra u ser jieħu ħsieb l-organizzazzjoni taghħa inkluz l-ispejjez relatati ma' l-akkomodazzjoni u trasport.

73.3.4 Is-Sindku qal li wasal iz-zmien li jinxtara manhole lifter ġdid peress il-manhole ezistenti li għandha minħabba il-wear and tear tiegħu spiċċa u huwa bzonnjuz ħafna f'kaz li l- Kunsil, entitajiet u residenti jiġu bzonnu. Il-Kunsill approva.

73.3.5 Is-Sindku talab lis- Segretarju Ezekuttiv biex jinbiel is-signage li jinsab f' Howard Gardens peress li ma għadomx jidhru.

73.3.6 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 20 ta' Frar 2019 kien ser ikun hemm il-maratona tat- Triathlon organizzata mir- Regjun Tramuntana u t-tellieq kienet ser tispiċċa ġewwa l-Mdina.

72.3.7 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li dan l-aħħar kien hemm xi problemi bil-lighting ta' l-Mdina minħabba l-maltemp pero' ġiet solvuta.

73.4 **Performance Bonus għas-Sena 2018 lis- Segretarju Ezekuttiv u Ħaddiema Klerikali**

73.4.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-effiċjenza għas-sena 2018 fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, s-Sinjur Mark Mallia. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv. F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv kien skuzat mil-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jerġà jidħol fil-kamra. Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv illi l-Kunsill unanimament approva performance bonus ta' 10% tas-salarju

73.4.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2018 fir-rigward tal-impjegata tal-Kunsill, s-Sinjura C. Camilleri. F' dan il-ħin, il-Kunsilliera Maryann Sultana talbet li tiġi skuzata mill-laqgħa u ħarġet il- barra minħabba kunflitt ta' interess. Il-Kunsill unanimament approva li s-Sna C. Camilleri tingħata performance bonus ta' 6% tas-salarju tagħha.

**73.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet**

73.5.1 Il-Kumpanija FACES li għandha f'idejħa l-installar ta' Bus Shelter iltaqgħet mal-Kunsill fejn ġiet diskussa l-possibilita' ta' Bus Xelters ġodda fil-lokalita' ta' L-Mdina. Il-partijiet qabblu li jkomplu bit-taħdidiet ħalli din il-possibilita' tiġi fis-seħħ għaliex il-Kunsill jidhirlu li hemm bzonnhom.

73.5.2 Saret talba mill-familarji tal-mibki PC 238 Lincoln Galea li kien serva għal diversi snin fl-Għassa ta' L-Mdina biex tiġi mħawwla sigra ġewwa Howard Gardens għal memorja tieghu. Il-Kunsill approva

73.5.3 Ċirk AKL 2019/006- Sessjonijiet ta' Taħriġ għall-Fire Wardens u Kors Baziku ta' First Aid. Is-SE u l-Iskrivana ser jattendu dan il-kors.

**73.6 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

73.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-16 ta' Jannar 2018, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 11,263.45

73.6.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Mary Ann Sultana li kienet issekondata mill-Kunsilliera Camille Scerri. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**73.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

73.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-16.36pm u ġiet aġġornata għas-13 ta' Frar 2019 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 13-02-2019________